**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Supt. Martin Bayliss / Spett. Angelo Caruana))

**vs**

**Graziel Barbara**

**Mark Barbara**

Illum 5 ta` April 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

1. **Graziel Barbara** ta` 27 sena, bin Mario u Anna nee` Galea imwieled Pieta` fil-5 ta` Settebru 1973 u joqghod "AnnMar', Triq Ghajn Qajjiet, Rabat, ID 412073 (M);

2. **Mark Barbara** ta` 23 sena, , bin Mario u Anna nee` Galea imwieled Pieta` fit-2 ta` Novembru 1977, u joqghod 'AnnMar', Triq Ghajn Qajjiet, Rabat ID 518977 (M);

A. Talli t-tnejn flimkien fit-13 ta` gunju 2000, xi ftit tal-hin qabel nofs il-lejl, minn Triq Qalb Imqaddsa, San giljan, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta` mutur tal-ghamla Paiggio Typhoo, ta` kulur iswed u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni JAZ-938, propjeta` ta` Carl alvin Portelli minn San Giljan, liema mutur jiswa aktar minn Lm100 izda ma jiswiex aktar minn Lm500 ghad-dannu ta` Carl Alvin Portelli liema serq huwa kkarvat bil-vjolenza, bil-valur, bil-hin u bix-xortatal-haga misuqa.

B. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew straw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, b`kull mod li jkun, u cioe` mutur tal-ghamla Piaggio Typhoo ta` lewn iswed bin-numru tar-registrazzjoni JAZ-938.

C. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma persuni mhux maghrufa, kienu komplici fid-delitti ta` serq u ricettazzjoni ta` mutur tal-ghamla Piaggio typhoo bin-numru tar-registrazzjoni JAZ-938 u billi xjentement ghinu jew assistew lill-awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati, jew xewxu lill-haddiehor, inkella sehhet il-volonta` taghhom sabiex jaghmlu d-delitti imsemmija ta` serq aggravatu ricettazzjoni.

D. Talli Graziel Barbara, fl-istess data ukif ukoll qabel dinid-data, b`diversi atti maghmulin minnu stess, li jiksru id-depozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, saq vettura f`diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin, tal-ghamla TATA

bin-numru tar-registrazzjoni JAP-072 li ma kienitx koperta b`licenzja, kif ukoll talli saq l-istess vettura b`nuqqas ta` kont, bi traskuragni, jew b`mod perikoluz.

E. Talli Graziel Barbara kif indikat fl-akkuza precedenti, f`diversi postijiet f`Malta, saq vettura tal-ghamla TATA bin-numru tar-registrazzjoni JAP-072 minghajr polza tas-sigurta` jew garanzija dwar riskji ta` terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji datat 26 ta` Frar 2001.

Rat li fis-seduta tal-llum l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fl-istess deduta l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom;

Issibhom hatja;

Fil-konfront ta` Graziel Barbara, rat l-Artikoli 262 (b), 267, 270 u 271 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 18 tal-istess Kapitolu, l-Artikoli 15

(1)(a) tal-Kapitolu 63 u l-Artikolu 3 tal-kapitolu 104,kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

Fil-konfront ta` Mark Barbara, rat l-Artikoli 262(b), 267,270 u 271 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

Stante il-kondotta tal-akkuzati u l-eta` zghira taghhom, jidhrilha li ghandha tapplika l-imsemmi Artikolu 5 tal-Kapitolu 152. Ghalhekk qed taghmel ordni ta` probation u qed tqieghed lil hatja taht il-harsien ta` Carmen Borg ghal zmien sentejn u qed tfissrilhom skond il-ligi kif ghandhom igibu ruhhom u xi tfisser din is-sentenza.

Vera kopja Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.